MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 1/2006/1

**Carmel sive Charles (ID 108058M) u Rita *nee'* Cremona (ID 171161M) konjugi Graham (ID 197953M)**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promotorju:

Illi l-esponenti flimkien u in solidum huma propretarji tal-fond numru 29, Triq l-Irlandizi, Bormla, liema proprjeta hija deskritta bhala "terraced house" fuq tlett sulari.

Illi huma gew notifikati permezz ta' att gudizjarrju datat nhar il-Hamis 15 ta' Dicembru 2005 b'referenza ghall-Avviz tal-Gvern 255 ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-

ghaxra (10) ta’ Marzu 2005 ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 29, Triq l-Irlandizi, Bormla.

Illi l-Gvern ser jiehu permezz ta’ espropriazzjoni dan il-fond.

Illi ghall-imsemmi fond, l-awtorita kompetenti qeghda toffri l-kumpens ta’ erbat elef sitt mija u ghoxrin ’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm4,620) skond l-ittra ufficjali datata 7 ta’ Dicembru 2005.

Illi permezz tal-prezenti r-rikorrenti qeghdin jipprevalixxu ruhhom mill-21 gurnata sabiex jikkontestaw l-ammont tal-kumpens offrut fl-Avviz numru 255.

Illi l-kumpens indikat mhux gust u ekwu fic-cirkostanzi stante illi l-Perit Chris Azzopardi stima l-valur tal-proprjeta fl-amont ta’ tmint elef tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm8,370) kif muri fid-dokument anness u mmarkat CA 1 wara li ha in konsiderazzjoni il-lokazzjoni u l-prezz tas-suq fic-cirkostanzi prezenti.

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jitolbu umilment lil dina l-Onorabbli Qorti tiffissa l-kumpens xieraq dovut bhala kumpens ghax-xiri assolut oltre imghax legali mid-data ta’ espropriazzjoni a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll jekk ikun hemm bzonn ghall-hatra ta’ periti nominandi.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat Direttur tal-Artijiet  li tghid:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 4 ta’ Jannar 2006 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-awtorita kompetenti ta’ erbat elef sitt mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm4,620), ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 29, Triq l-Irlandizi. Bormla u qeghdin jippretendu illi l-kumpens gust ghandu jkun dak ta’ tmint elef tlett mija u sebghin Lira Maltin (Lm8,370).

Illi l-esponent qieghed jibqa' jsostni illi l-valur gust tal-fond huwa dak fuq citat, u cioe', l-ammont erbat elef sitt mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm4,620), li huwa dak l-ammont li gie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Marzu 2005 permezz ta' Avviz numru 255 u l-valur gie stabbilit mill-Perit Arkitett Frederick H. Valentino A&CE.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' erbat elef sitt mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm4,620), bhala l-kumpens gust ghall-espropriazzjoni tal-fond fuq imsemmi.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi dan ir-rikors kien promoss wara li l-esproprijati deherilhom illi l-valur offert mill-intimat ghall-espropju tal-fond kien baxx wisq biex inkun minnhom accettat.  Huma mxew fuq il-parir tal-perit arkitett taghhom li xehed f'dawn il-proceduri u li wasal ghall-konkluzzjoni illi l-valur tal-fond huwa ta' Lm8370, differenza notevoli mill-istima li hareg biha l-perit arkitett tad-Direttur tal-Artijiet;

Illi l-periti membri li jikkomponu dan il-Bord, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti, xhieda u dokumenti kollha mressqa, kkonkludew, skond ir-rapport taghhom akkluz u formanti parti minn din is-sentenza, illi l-valur gust ta' dan il-fond ghandu jkun iffissat fis-somma ta' Lm8000 ekwivalenti ghall-tmintax-il elf sitt mija erba u tletin euro u disa u disghin centezmu (E18,634.99), valur dan li jqarreb sew ghal dak pretiz mir-rikorrenti u djametrikament oppost ghal dak offert mill-intimat.

Il-Bord ghalhekk, a bazi tad-decizzjoni unanima tal-periti membri, qed jilqa' talba tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom  ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond 29, Triq l-Irlandizi, Bormla fl-ammont tmintax-il elf sitt mija erba u tletin euro u

disa u disghin centezmu (E18,634.99), oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------